**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 11 ta' Marzu 2002**

**Rikors Nru: 70/99A**

**Paolo Bonnici Ltd**

**Vs**

**Sammut Antonio**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi hija tikri minghand l-intimat il-mahzen "Butterfly", Dun Giuseppe Vella Street, Qormi, bil-kera ta' mitejn u hamsin lira maltin (LM250) fis-sena, l-ahhar skadenza ghalqet fil-31 ta' Ottubru 1999.

Illi s-socjeta' esponenti giet notifikata b' ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 1999 – Dok A – annessa fejn l-intimat qed jippretendi li b' effett mill-1 ta' Novembru 1999, il-kera jsir Lm600 fis-sena.

Illi s-socjeta' esponenti ma taqbilx u ma taccettax tali awment billi ma kienx hemm bdil fic-cirkostanzi li skond il-ligi jiggustifika awment fil-kera.

Ghaldaqstant titlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jichad it-talba tal-intimat ghall-awment fil-kera u jigi kkonfermat il-kera attwali.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta;

Illi t-talba tal-esponenti ghall-awment tal-kera fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) fis-sena hija gustifikata u tirrifleti l-valur tal-fond in kwistjoni u ghalhekk dan il-Bord ghandu jilqa' din it-talba u konsegwentement jichad ir-rikors odjern bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Ra l-verbal ta' llum fejn il-partijiet talbu li tinghata sentenza fis-sens li l-kera gust tal-fond ikun ta' Lm400 fis-sena u l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Jiffissa l-kera xieraq tal-fond/mahzen Butterfly, Triq Dun Giuseppe Vella, Hal Qormi fl-ammont ta' erba' mitt lira (Lm400) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem mill-1 ta' Novembru 1999; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

Dep.Reg Magistrat